

# L-GĦARB erba' mit sena ilu

## mir-rapport tal-Viżta Pastorali tal-Isqof Baldassare Cagliares 1615–2015

**JOSEPH BEZZINA**

Erba' mit sena ilu sewwa, nhar l-Erbgħa, 11 ta' Novembru 1615, l-Isqof Baldassar Cagliares fetaħ l-ewwel viżta pastorali tiegħu f'Għawdex fil-Knisja Matriċi ta' Santa Marija. Hu kien inħatar isqof ta' Malta u Għawdex fl-età ta' 38 sena waqt konċistorju presedut mill-Papa Pawlu V fil-Palazz tal-Quirinale nhar it-18 ta' Mejju 1615.

Imħeġġeg kif kien għall-ġid tal-erwieħ, l-Isqof Cagliares beda viżta pastorali Għawdex fl-istess sena tal-ħatra tiegħu – ebda isqof qablu jew warajh ma għamel viżta Għawdex daqshekk malajr wara l-ħatra tiegħu. Il-Viżta nfetħet, kif ktibna, fil-Knisja Matriċi ta' Santa Marija u, ftit jiem wara, nhar id-19 ta' Novembru 1615 – **erba' mit sena ilu** – huwa għamel żjara fl-inħawi kollha tal-Għarb. Inġib xiħaġa fil-qosor dwar dak li ħallielna miktub fuq it-tmien kappelli li hu żar fl-inħawi, fosthom il-kappella ta' Santa Marija tal-Virtut li erbgħa u sittin sena wara kellha ssir il-knisja parrokkjali ta' raħal ġdid.

Il-viżta tagħti ħjiel sewwa ta' fejn kien hemm djar fir-raħal erba' mit sena ilu. Il-fatt li r-raħal kellu isem proprju, b'differenza ta' inħawi oħra Għawdex, jagħtik x'tifhem li n-nies fl-inħawi kienu bdew jiżdiedu sewwa u kienu joqogħdu hemm b'mod permanenti.

Dak il-jum, il-Viżitatur kien beda l-viżta tiegħu billi minnaħa Ta' Qabbieża, il-post li llum jismu Santa Luċija, għadda minn wara Ta' Dbieġi għal Tar-Rokon, għall-inħawi Ta' Ċangura, kif kien jissejjaħ dak iż-żmien ir-raħal li wara sar San Lawrenz, u niżel minn passaġġ lejn id-Dwejra. Mid-Dwejra tela' lejn il-Wilġa u qabad passaġġ lejn l-Għarb 'il ġewwa. Hemm kien hemm l-ewwel kappella fl-inħawi u kienet iddedikata lil Santa Marija.

It-tagħrif li ġej nafuh minn folju 22 *recto* sa folju 25 *verso* tar-rapport tal-Viżta Pastorali li jinsab miżmum b'għożża fl-AEG•Arkivju Episkopali ta' Għawdex fis-sezzjoni tal-Viżti (ara **VP**•Viżti Pastorali **(1615) 22r – 25v**).

**22r**

**1 • Sanctae Mariae tal-Għarb**

L-ewwel kappella li ltaqa' magħha kienet ta' Santa Marija bil-bieb, li kien bla serratura, iħares lejn nofsinhar. Kellha artal tal-ġebel u fuq ir-riħ tiegħu inkwatru li kien jirrappreżenta ż-Żjara tal-Madonna lil Santa Eliżabetta. Dan l-inkwatru kien bejn żewġ pitturi oħra: waħda ta' San Pietru u l-oħra ta' San Pawl.

Nhar ta' Sibt, id-devoti tal-inħawi kienu jixgħelu lampier u anki kienu joħorġu xiħaġa bejniethom biex issir quddiesa fil-festa. Jista' jkun li din hi l-istess kappella li 'l quddiem ġiet iddedikata lil Santu Pietru, jew iktar preċiż lil San Pietru fil-Ktajjen.

**22v**

**2 • Sanctae Mariae Virtutis**

It-tieni kappella kienet ta' Santa Marija tal-Virtut. Kellha żewġ bibien tal-injam b' serratura tal-ħadid u għalhekk kienu jistgħu jingħalqu sewwa. Fuq ir-riħ tal-artal kien hemm xbiha taż-Żjara tal-Madonna lil Santa Eliżabetta. L-inkwatru, jinnota l-Viżitatur, kien *manu periti pictoris decpicta cum cornicibus ornata* – kienet pittura magħmula minn artist tajjeb u mdawwra minn gwarniċ.

In-nies kienu jsejħu din il-kappella bħala Santa Marija **tal-Mirakli**. Peress li r-rapport tal-vista hu miktub bil-Latin, il-Viżitatur qaleb il-kelma mill-Malti għal-Latin u li għalhekk saret **Virtutis**. Nafu li, dak iż-żmien, ix-xbiha taż-żjara tal-Madonna lil Eliżabetta ssejħet *tal-Mirakli*.

Dan għaliex kif naqraw fl-evanġelju ta' San Luqa, 1, 41-45:

*Malli Eliżabetta semgħet lil Marija ssellmilha, it-tarbija qabżet fil-ġuf tagħha u Eliżabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu; u nfexxet f'għajta kbira u qalet: "Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek! U minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi? Għax ara, malli smajt f'widnejja leħen it-tislima tiegħek, it-tarbija li għandi fil-ġuf qabżet bil-ferħ. Iva, hienja dik li emmnet li jseħħ kull ma bagħat jgħidilha l-Mulej!"*

Il-miraklu ġara proprju fil-mument ta' dak li l-evanġelista jsejjaħ *qabża bil-ferħ.*

Ir-rapport ikompli li kien hemm żewġ gandlieri fuq l-artal li kellu d-dvalji meħtieġa għaċ-ċelebrazzjoni tas-

Sagrifiċju tal-quddiesa. Fuq ir-riħ tal-artal kien hemm tużell żgħir b'sitt patalotti tat-tila li kienu mpittra. It-tużell kien ħafna drabi jkun ornat ukoll bil-freneż u l-ġmiemen. Dawn l-ornament kienu nieqsa f'tal-Mirakli.

Il-kappella kellha dħul ta' skut fis-sena li dik il-ħabta kien qiegħed igawdihom Don Mattheo Chiappara, l-arċipriet tal-Knisja Matriċi. Don Mattheo, li kien preżenti mal-Viżitatur, stqarr lill-isqof li l-kappella f'dak il-mument ma kellhiex rettur u lanqas ma kellha xi **dħul ieħor**. Jidher ukoll li qajla kienet frekwentata min-nies *(Ara r-ritratt meħmuż għar-rapport fuq din il-kappella fil-Viżta ta' 400 sena ilu).*

**22v-23r**
**3 • Sancti Antonii tal-Għarb**
It-tielet kappella li żar kienet ta' Sant'Anton – mhux speċifikat kienx l-Abbati jew ta' Padova; aktar kien l-Abbati. Kellha l-bieb iħares lejn nofsinhar u kien bla serratura. Is-saqaf kien f'qagħda ħażina u kienet teħtieġ dawra sewwa. L-inkwatru titulari kien *iconam in tabula*, jiġifieri ikona ta' stukko kulurit fuq l-injam, u kienet mhux **ħażin**, *satis decenter depictam.* Kien hemm lampier imdendel quddiemu. L-artal kien tal-ġebel u l-art kienet magħmula minn ċangatura kwadrata.

Kellha prokuratur lil Dun Anton Cassar li kien obbligat iqaddes nhar il-festa u jqassam lil dawk li jieħdu sehem *tliet itmiem* qamħ f'ħobż (kull tomna kien fiha 18.18 deċimetri kwadri).



**23v**

**4 • Sancti Demetrii tal-Għarb**

Iktar 'il ġewwa kien hemm il-kappella ta' San Dimitri bil-bieb iħares lejn il-punent, b'serratura tal-ħadid iżda mingħajr muftieħ. Kellha artal tal-ġebel u fuq ir-riħ tiegħu inkwatru ta' San Dimitri. Is-saqaf kien f'kundizzjoni ħażina ħafna u mhux ta' b'xejn. Il-benefizzju marbut ma' din il-kappella kien igawdih Dun Alwiġ Bonnici mill-Birgu. Għandu xorti kien jaf l-Għarb fejn hu u aħseb u ara kemm kien sejjer iħabbel rasu mill-kappella. Il-Viżitatur ordna li jittieħed kull dħul lil kellu Dun Alwiġ biex minnu jkunu jistgħu jsiru t-tiswijiet urġenti u biex jinxtara kulma kien meħtieġ għall-kappella.

**24r**

**5 • Sancti Salvatoris ta' Wied il-Mielaħ**

Il-Viżitatur minn hemm għadda minn passaġġ f'nofs l-għelieqi lejn Wied il-Mielaħ fejn kien hemm kappella devota ħafna ddedikata lis-Salvatur. Kellha żewġ bibien, wieħed iħares lejn il-punent, u l-ieħor lejn nofsinhar. Kienu t-tnejn mingħajr serraturi. Fuq ir-riħ tal-artal tal-ġebel kien hemm ikona ta' stukko kulurit fuq l-injam bix-xbiha tas-Salvatur; f'xi bnadi kienet imxaqqa. Nhar il-festa kienet issir quddiesa, iżda l-kappella kienet nieqsa minn kollox u l-Viżitatur ordna li mill-ftit dħul li kellha jinxtara dak meħtieġ għas-sagrifiċċju tal-quddiesa.

**24v**

**6 • Sancti Salvatoris ta' Wied il-Mielaħ, fl-antik ta' Santa Marija**

Iktar 'l isfel f'Wied il-Mielaħ kien hemm kappella oħra bl-istess titular tas-Santissmu Salvatur, kappella li fl-antik kienet iddedikata lil Santa Marija. Kellha l-bieb iħares lejn nofsinhar mingħajr serratura. Kellha artal tal-ġebel u fuq ir-riħ tiegħu kien hemm tużel żgħir impitter. Kellha inkwatru tas-Salvatur, pittura fuq it-tila *manu periti pictoris*, xogħol ta' pittur tajjeb u mhux ta' dilettant. Ma kelliex lampier.

Nhar il-festa tas-Salvatur kienet issir quddiesa mħollija fit-testment ta' Andreotta Apap. Dan kien ħalla wkoll dħul biex dawk preżenti jingħataw b'żewġt itmiem qamħ f'ħobż. Barra dan, kien ħalla wkoll dħul biex minn żmien għal żmien isiru t-tiswijiet li jkun hemm bżonn.

**25r**

**7 • Sancti Leonardi ta' Wied il-Mielaħ**

Il-kappella ta' San Leonardu kien in-naħa ta' fuq nett ta' Wied il-Mielaħ, fil-ħâra Ta' Għammar. Kellha bieb tal-injam iħares lejn nofsinhar mingħajr serratura. Fin-nofs, fuq ir-riħ tal-artal tal-ġebel, kien hemm pittura ta' San Anard *manu periti pictoris depicta*, impittra minn artista kapaċi. Fuq l-artal kien hemm żewġ gandlieri, iżda ma kelliex kurċifiss.

Bernard Theuma kellu biċċa raba' li kienet proprjetà tal-kappella u li, għaldaqstant, kien obbligat jagħmel quddiesa f'jum il-festa u jieħdu ħsieb li jsiru t-tiswijiet meħtieġa. Imħabba dan id-dħul, il-Viżitatur obbligah biex fi żmien ħmistax iwaħħal serratura u jixtri dak li kien meħtieġ għall-kappella.

**25r-25v**

**8 • Sanctae Mariae ta' Għammar**

L-aħħar kappella fiż-żona tal-Għarb kienet dik ta' Santa Marija ta' Għammar magħrufa wkoll, igħidilna r-rapport, bħala *ta' Pino*. Il-Viżitatur kien fil-fatt milqugħ Pinu Gauci, li b'mod spontanju kien beda jieħu ħsieb il-kappella. Kien għal din ir-raġuni li n-nies bdew isejħu din il-kappella bħala ta' Pinu.

Il-bieb tal-kappella kien jiftaħ lejn it-tramuntana u kien bla serratura. Pinu stqarr lill-Viżitatur li kien ilu jieħu ħsiebha u l-proprjetà tagħha għal sittax-il sena sħaħ. Dan ifisser li Pinu kien beda jinteressa ruħu fil-kappella lejn is-sena 1599.

Pinu kellu f'idejh ir-raba' tal-kappella biex mid-dħul fuqu, il-Prokuratur tal-kappella seta' jieħu ħsieb il-kappella u jagħmel t-tiswijiet li jkun hemm bżonn. Iżda, il-kappella ma jidhirx li kellha prokuratur. Pinu stqarr li d-dħul mir-raba' kien jirrendilu sittax-il irbiegħi fis-sena. Hu kien beda jieħu ħsieb il-kappella mingħajr titlu jew awtorizzazzjoni, iżda sempliċement għax xtaq isalvaha mir-rovina. Għaldaqstant, hu stqarr lill-Viżitatur li ħalhekk kien qiegħed biss jagħmel li jista biex il-kappella ma taqax. Imħabba *ob eius vetustatem*, imħabba l-qedem tagħha, il-kappella kienet trid wisq biex tinżamm fi stat tajjeb.

Pinu għaldaqstant offra lill-Viżitatur biex jawtorizzah biex jibda jieħu ħsieb il-kappella b'mod formali. Hu wiegħed lill-Vizitatur li kien lest li minn butu joħroġ għoxrin skut, somma kbira ħafna għal dak iż-żmien, biex il-kappella tkun tista' terġa tqum fuq saqajha. Il-Viżitatur laqa' t-talba tiegħu u fdalu ż-żamma tal-kappella f'idejh.

**Hi ħasra li mħabba l-faqar u l-mogħdija taż-żmien ħafna minn dawn il-kappelli ntemmu. Baqa' xi studjużi u bdiewa li jafu fejn bejn wieħed u ieħor kienu wieqfa. Ikun jixraq li jsir plier tal-ġebel bi skrizzjoni fuqu fil-post ta' kull waħda minn dawn il-kappelli biex it-tifkira tagħhom ma tintemmx.**

© Joseph Bezzina - 2016